MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2004

Appell Civili Numru. 40/2004/2

**Wara r-rikors ta' Dott. Joseph Brincat noe**
**tas-16 ta' Novembru, 2004**
**fl-atti ta' l-Appell Kostituzzjonali fl-ismijiet**

**Dr. Joseph Brincat bhala mandatarju specjali**
**ta' l-assenti Mark Stephens**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-16 ta’ Novembru, 2004;

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali tas-17 ta’ Novembru, 2004;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Rat il-verbal, registrat fl-udjenza tal-lum, ta’ l-istess Avukat Dott. Joseph Brincat, li permezz tieghu iddikjara “illi huwa jkun sodisfatt jekk kemm-il darba din il-Qorti sempliciment tiddikjara li s-sentenza tal-Prim Awla hija fil-fatt kolpita bil-paragrafu (b) ta’ l-Artikolu 267 tal-Kap. 12”;

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali pprezentata fil-kors ta’ l-udjenza riferibbilment ghall-komunikazzjoni bejn Interpol Malta u Interpol Madrid;

Rat l-Artikolu 267(b) tal-Kap. 12;

Tipprovdi dwar ir-rikors billi tiddikjara li s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta’ Novembru, 2004 fl-ismijiet premessi hija provvizorjament esegwibbli fit-termini ta’ l-Artikolu 267(b) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in kwantu tipprovdi rimedji kontra arrest illegali; u in vista ta’ l-istess verbal hawn fuq imsemmi ma hemm lok ta’ ebda provvediment ulterjuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------